# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Gunju, 2001**

**Numru 24**

**Cit. Nru. 723/01 GCD**

**Borg Cold Stores (Import & Distribution) Limited**

**Vs**

**Lapsi Holdings Limited**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-attrici li bih, wara li ppremettiet:

Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fis-somma ta' elfejn, disa' mija u tmienja u erbghin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm2,948.38) import ta' merkanzija konsistenti fi prodotti ta' l-ikel mibjugha lis-socjeta` konvenuta u debitament konsenjata;

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi biex ihallas, u dan anke permezz ta' l-ittra bonarja datata 2 ta' Frar 2001, izda baqa' inadempjenti; u

Illi l-ammont dovut huwa veru, likwidu u skadut, u fil-fehma tas-socjeta` attrici, il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet validi x'jopponi kontra t-talbiet attrici;

U talbet illi l-Qorti:

1. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smigh a tenur ta' l-artikolu 167 *et seq.* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta); u

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn, disa' mija u tmienja u erbghin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm2,948.38) import ta' merkanzija konsistenti fi prodotti ta' l-ikel mibjugha lis-socjeta` konvenuta u debitament konsenjata kif jidher mill-"invoice" anness mac-citazzjoni u mmarkata Dokument "A";

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 2 ta' Frar 2001, u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-konsenja tal-merkanzija sad-data tal-pagament effettiv.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat in-nota tal-konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuta, tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm